# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St. Peter

## IT-TIENI LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 99**

**L-Erbgħa 12 ta' Jannar, 2018**

Il-Kumitat Amministrattiv St. Peter iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija

### PREŻENTI:

Mario Bartolo – *Chairperson*
Luciano Farrugia – Viċi-*Chairperson*
Norman Clews – Membru

### ASSENTI b'APOLOĠIJI

Nicholas Azzopardi – Membru

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

### Minuti

Ic-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo ippresieda l-laqgħa.

### 99.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

99.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Nicholas Azzopardi li jinsab indispost.

**99.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

99.2.1 Il-minuti tat-98 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

**99.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson**

99.3.1 Is-Sur Bartolo qara ittra ta' proposta sabiex isiru cameras mal-Bring-in-site. L-ispiża tlaħħaq l-€450, Vat mhux inkluż fejn il-filmati jintbgħatu lilna mil-Greenpak. Imbgħad hemm opzjoni oħra dik li apparti l-ispiża ta' €450 ikun hemm pagament ieħor ta' €45 fix-xahar u s-sistema tkun imqabbda bl-internet. Il-Kumitat ma qabilx li issir din l-ispiża minnu u jemmen li il-cameras għandhom jitħallsu mil-Greenpak.

99.3.2 Is-Sur Mario Bartolo qal li iltqajna mal-uffiċjal ta' Transport Malta s-Sur Charles Muscat fejn morna onsite u għednilu it-talbiet tagħna.

L-ewwel talba kienet ir- *road humps* fi Triq San Leonardu fejn huwa issuġġerixxa li flok tnejn issir waħda u tiġi humped zebra crossing, fejn il-pitch tal-boċċi u il-bankina toħroġ il-barra. Is-Sur Norman Clews għamel enfażi li tiġi safe u li jsiru z-*zig zag road markings* u l-*belishia lights* joħorġu l-barra biex jidru sew.

It-tieni talba kienet ir-*road humps* fi Triq l-Għakrux. Is-Sur Muscat issuġġerixxa li jsiru tnejn waħda fil-bidu fejn tax-xagħar u oħra 15-il metru lill hinn minn Triq Bumunqar.

Is-Sur Bartolo qal li fejn l-ispiżjar fil-kantuniera hemm tlett arbli, tnejn minnhom kbar u ieħor żgħir u fuqu kien hemm bozza pero inkisret. Xi xhur ilu il-kumitat kien kiteb lill-Enemalta dwara pero wara kellna informazzjoni li kienet tagħna għalhekk infurmajna lin-Nexos biex issir mil-ġdid u lil Enemalta biex imbgħad jikkonnettjawha.

99.3.3 Is-Sur Bartolo qal li fuq il-bankina ta' Triq l-Għakrux ma' Triq Sebbellika aktarx hija privata pero qed niċċekkjaw aktar fuqha.

99.3.4 Is-Sur Bartolo qal li kien hemm proposta biex jinżraw siġar ġodda fil-bandli. Is-Sa Maria Livori applikat biex inkunu nistgħu nibbenefikaw minn fondi speċjali. It-tip ta' siġar li ser jinżraw huma tar-rummien. Il-Kumitat qabel ma' dan kollu sakemm is-siġar li jinżraw ma jagħmlux ħsara lil paviment.

99.3.5 Is-Sur Chairman qal li f'dan il-bandli qiegħed isir abbuż għaliex instabu anke siringi użati. Dan l-abbuż ġie irrapurtat lil Pulizija.

99.3.6 Is-Sur Chairman qal li irċevejna stima ta' tabella ta' Merħba li tlaħħaq il-€500. Il-Kumitat ma qabilx li ssir u li nitolbu stima oħra.

99.3.7 Is-Sur Mario Bartolo informa lill-Kumitat li tlabna stima lill-Kuntrattur Dimbros tal-bankina ta' Triq l-Għakrux bejn Triq Sebbelika u Triq Żagħrun.

**99.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;**

99.4.1 Is-Sur Clews staqsa meta hemm il-ħsieb li jsir xogħol ta' refreshing lines speċjalment fi Triq San Leonardo.

**99.5 Mozzjonijiet**

99.5.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**99.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

99.6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die minħabba li ġejjin il-festi u mhux kulħadd ser ikun jista.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-100 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 21 ta' Frar, 2018.

IFFIRMATA

Mario Bartolo
*Chairperson*